MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Numru. 1205/2012

**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**

**VS**

**EMANUEL VASSALLO**

**ANTHONY SEISUN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Emanuel Vassallo ta' 60 sena, bin Philip u Maria Assunta nee' Borg, mwieled B'Kara fit- 3 ta' Marzu 1952, residenti Palm Springs, Triq Jean De la Valletta, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 262752M;

U

Anthony Seisun ta' 42 sena bin Charles u Carmen nee' Bugeja, mwieled Pieta' fil- 25 ta' Awwissu 1970, residenti 61, Triq is- Sorijiet, Paola u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 412870M;

Talli ;

1) Fit- 18 ta' April 2011 matul il- gurnata f' Garage G, Triq E B Vella, Mosta, fil- kapacita' taghhom personali b nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew fil- professjoni taghhom jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunalu feriti gravi fuq il- persuna ta' Edward Borg, hekk kif iccertifika t- tabib Dr Jonathan Zammit MD, mill- isptar Mater Dei;

2) Fuq talba tal- Awtorita' tas- Sahha u s-Sigurta' fuq il- Post tax- Xoghol, qed jigi akkuzat Emanuel Vassallo wahdu talli fil- kapacita' tieghu personali u ta' persuna li thaddem talli nhar it- 18 ta' April 2011 f' Garage G, Triq E. B. Vella, Mosta, naqas milli jhares is- sahha u s- sigurta' tal- impjegati, kif ukoll tal- persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix- xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jiehu l-

passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il- post tax xoghol;

3) Akkuzat Emanuel Vassallo wahdu talli fl- istes zminijiet, lok u cirkostanzi, naqas milli jiehu l- mizuri mehtiega sabiex jizgur li l- haddiema jkollhom ghad- disposizzjoni taghhom informazzjoni adegwata u meta jkun mehtieg struzzjonijiet bil- miktub dwar l- apparat tax- xoghol li jintuza’ f’ xogholhom;

4) Akkuzat Anthony Seisun wahdu talli fl- istess zminijiet lok u cirkostanzi naqas milli jhares s- sahha u s- sigurta’ tieghu, kif ukoll tal- persuni li jistghu jigu affetwati bix- xoghol li jkun qe disir u dan billi naqas milli jiehu l- passi necessarji kollha sabiex jigu veitata dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il- post tax- xoghol u naqas milli jiehu l- mizuri necessarji sabiex ir- riskji jigu ridotti kemm huwa ragenevolement prattiku;

5) Lil Emanuel Vassallo u Anthony Seisun talli fl- istess zminijiet u cirkostanzi naqsu li jaghnmlu jew li jizguraw evalwazzjoni xierqa, sufficenti, sistematika tal- periklu ghas- sahha u s- sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il- post tax- xogholu li r- riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l- aspetti kollha tal- attivita tax- xoghol. Dawn l- evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw l- aspett kollha tal- attivita’ u s- sigurta’ tal- haddiema u tal- persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix- xoghol, inkluz dawkli jzuru l- post tax- xoghol jew mit- tmexxija tal impriza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-vittma f'dan il-kaz, Edward Borg, kien xtara konsenja ta' laned taz-zebgha li kienu mghobbija fuq "pallets" tal-injam, u talab lill-imputat Emanuel Vassallo sabiex jghabbihom fuq "fork lifter" halli jkun jista' jdahhalhom fil-garaxx tieghu. Ghalhekk, fit-18 ta' April, 2011, l-imputat l-iehor Anthony Seisun saq il-"fork lifter" biex ghabba l-merkanzija ta' Borg halli dik il-konsenja tiddahhal fil-garaxx ta' Borg. Waqt li Seisun kien qed jimmanuvra biex jitla' l-bankina tat-triq quddiem ir-rampa zghira biex jidhol fil-garaxx, it-taghbija bdiet ticcaqlaq u nhallu xi laned taz-zebgha min-naha ta' fuq. Dawn waqghu ghal fuq Borg, bil-konsegwenza li hu sofra griehi gravi, tant li meta ddahhal l-isptar, ghalkemm kien stabbli, jumejn wara qaleb ghall-aghar u kien gie klassifikat li qieghed fil-periklu li jitlef hajtu. Gew infurmati l-Pulizija b'dan il-kaz jumejn wara l-incident, saret inkjesta magisterjali u b'hekk ittiehdu dawn il-proceduri kontra Vassallo u Seisun.

Mill-provi prodotti jidher li ma hemmx wisq kontestazzjoni dwar il-fatti kif sehhew. L-unika kontestazzjoni li hemm hija dwar ir-responsabbilita’ tal-imputati jew min minnhom kien jahti ghall-incident in kwistjoni, jew jekk Borg kellux xi negligenxa kontributorja fl-incident. Ghalhekk, il-Qorti trid tesamina d-dettalji tal-incident in kwistjoni, u tasal ghar-responsabbilita’ a bazi tal-fatti tal-kaz.

Jidher li Borg dak iz-zmien kien importatur tal-merkanzija bhal ghodod, zebgha, u xoghol iehor. Hu kien jordna diversi konsenji minn barra, u kien iqabbad lil Vassallo biex iwassallu dik il-merkanzija sal-garaxx fil-Mosta fejn gara l-incident. Dakinhar, it-18 ta’ April 2011, Vassallo kien qabbad lil Seisun u lil haddiem iehor, certu Joseph Bonnici, biex ighabbu x-xoghol ta’ Borg u jwassluh ghandu l-garaxx il-Mosta, u hemmhekk ihottuh. Huma kienu hattew kwazi l-vjagg kollu tal-merkanzija qabel ma nqala’ l-incident. Gara li hekk kif kienu waslu fl-ahhar “pallet”, peress illi l-“fork lifter” kellu jitla’ bankina biex jidhol fil-garaxx, din ghelbet ghal fuq Borg u waqghu diversi bottijiet minn fuq din il-“pallet” kif gia’ spjegat.

Fost l-aktar provi oggettivi u kompleti fil-process, bla dubju hemm il-*proces verbal* redatt mill-magistrat inkwerenti. Ghalkemm l-inkjesta infethet jumejn wara l-incident, jidher li hemm migbura l-provi kollha essenzjali biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni segwenti. Fl-inkjesta gew nominati zewg esperti, it-tabib Mario Scerri u l-espert mekkaniku Mario Buttigieg. It-tabib Scerri kien ezamina lil Borg meta kien ghadu l-isptar u kkonferma li l-vittma kien sofra ksur fis-sinsla

ta' daru u f'ghonqu, li minhabba f'hekk baqa' pparalizzat fl-estremitajiet inferjuri minn qaddu 'l isfel. F'hin minnhom fl-isptar kellu anke problemi akuti ta' respirazzjoni minhabba f'din il-paralizi. Dawn il-griehi u feriti ohra gew ukoll ikkonfermati fil-kumpilazzjoni mit-tobba li kienu ezaminaw lil Borg u li kienu tawh il-kura mehtiega. Dan kollu jinsab esebit fil-process. Fuq dawn il-griehi ma hemmx kontestazzjoni, tant li fil-mori tal-kawza l-partijiet kienu lahqu ftehim fuq ammont ta' flus li kellhom jithallsu bhala danni sofferti minn Borg, u jidher li dan il-ftehim intlahaq qabel ma ntemmu dawn il-proceduri.

L-espert mekkaniku Buttigieg kien irrelata fuq il-provi li sab u kkonkluda li kien hemm negligenza u traskuragni fl-operatur tal-"fork lifter" imsemmi, l-imputat Seisun, peress illi skond l-istess espert dan ma ha l-ebda prekawzjoni meta kien qed jimmanuvra l-merkanzija fuq rampa u ma rabatx l-istess merkanzija. Inoltre, Buttigieg ikkonferma wkoll li l-haddiema ta' Vassallo ma kienux inghataw xi tip ta' tahrig ta' kif ghandhom ihaddmu "fork lifter" u x'tip ta' prekawzjonijiet ghandhom jittiehdu waqt li qed jigi operat dan il-makkinarju. Ghalhekk l-espert mekkaniku kien ikkonkluda li z-zewg imputati huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Apparti dawn il-konkluzjonijiet, l-istess espert kien kellem lil diversi xhieda li raw l-incident isehh jew li kienu fuq il-post ftit tal-hin wara. Minn dawn ix-xhieda jirrisulta li Seisun kien qed ihott il-"pallets" tnejn tnejn, wahda fuq l-ohra, minghajr ma kienu marbuta flimkien. Meta gie ghall-ahhar tnejn fuq xulxin, hekk kif kien tiela' l-bankina quddiem ir-rampa tal-garaxx, il-"pallet" ta' fuq bdiet ticcaqlaq. Borg ighid li Seisun talbu jzomm il-merkanzija, mentri l-

lavrant li kien ma' Seisun ighid li hekk kif bdew jiccaqalqu, Borg dahal jigri lejhom biex izommhom milli jaqghu. Graw kif graw l-affarjiet, huwa fatt li Borg spicca taht numru ta' bottijiet taz-zebgha. Hu zelaq fihom, waqa' lura, u habat rasu ma' cint baxx li kien hemm biswit l-entratura tal-garaxx, bil-konsegwenza li kiser ghadma minn ghonqu, u minhabba f'hekk baqa' ipparalizzat minn sidru 'l isfel.

Il-konkluzjonijiet tal-espert mekkaniku qed jigu riprodotti u inkorporati fis-sentenza:

> Illi dan l'allegat inċident seħħ quddiem il-garaxx uffiċjalment msejjaħ b' ittra "G" li jinsab ġewwa Triq E.B. Vella, Mosta waqt illi l-allegat vittma Edward Borg kien qed jara x-xogħol tiegħu qiegħed jinħatt u jitpoġġa ġewwa diversi garaxxjiet li hu għandu mikri mingħand Emanuel Vassallo. Intant sabiex jinħatt ix-xogħol minn ġo trakk għal ġol-istores kellu jintuża *fork lifter*. Illi Edward Borg qiegħed fin-negozju u jaħdem bħala *self-employed* u m'hemm ebda konnesjoni bejnu u Emanuel Vassallo. Intant Vassallo kull m'għandu reġistrati miegħu huma żewġ impjegati. Dawn huma Anthony Seisun u Joseph Bonnici. Dawn iż-żewġ impjegati jaħdmu bħala xufiera u t-tnejn li huma għandhom liċenzja tas-sewqan sabiex isuqu kull tip ta' vettura.
>
> Illi peress li Triq EB Vella, Mosta hija pjuttost inklinata huma kellhom ipoġġu it-trakkijiet ġo Triq is-Sgħajtar, Mosta u minn hemm telgħu bil-fork lifter. Illi skond l-esperti fil-qasam dan jista jkun ta' periklu.. Illi f'dan il-kuntest l-awtur espert jikteb fuq is-sit eletroniku u jgħid illi, *All*

*gradients should be avoided. They are a hazard to any fork lift truck operation. If a gradient cannot be avoided it must be met head on – straight up or down the slope. Most laden counterbalanced trucks should cope with a gradient of 5%. Loading or unloading of vehicles should take place on firm, level ground.*

Illi dak in-nhar tal-allegat inċident l-ħaddiema kienu qed iħottu l-merkanzija permezz ta' fork lifter illi kien qiegħed jittella fuq bankina li kienet għolja madwar tlett ċentimetri (3 cm) mit-triq. Illi meta kienu waslu għall-aħħar parti li jħottu l-merkanzija, ġara illi meta kienu qed itellu l-aħħar parti tal-merkanzija li kien hemm fuq il-frieket talforklifter, l-istess merkanzija ġiet żbilanċjatha u waqgħet. Illi minnflok illi Edward Borg warrab minn taħt il-merkanzija illi kienet qed taqa', huwa prova jżommha u hemm allegatament żelaq fuq bott u waqa'. Illi b'tali konsegwenza huwa allegatament ħabat il-parti ta' fuq ta' ġismu mal-ħajt diviżorju li hemm fl-entratura tal-garaxxijiet u weġġa gravament. Illi huwa ġie mehud l-isptar u kien hemm xi perjodu fejn ukoll il-kundizzjoni tiegħu qalbet għall-agħar u ġie ċċertifkat illi kien qiegħed fil-periklu illi jitlef ħajtu. Illi kien biss jumejn wara li seħħ l-allegat inċident illi ġew infurmati l-Pulizija illi kien seħħ l-allegat inċident u ġiet ordnatha inkjesta.

Illi għaldaqstant l-esponent illi ġie maħtur bħala espert tekniku mill-Onorabbli Qorti għamel aċċess fuq il-post tal-allegat inċident biss meta ġie nnominat. Illi sa jumejn wara li kien seħħ l-allegat inċident, kollox kien reġa ġie mitfuh f' postu u ma kienu tħallew ebda traċċi ta' kif seta'

seħħ l-allegat inċident. Illi għaldastant ma jistax jiġi ikkonstatat b'kemm ammont ta' merkanzija kienet ġiet mogħbija fuq il-frieket tal-forklifter u jekk tali tgħabbija kelliex *load* iktar minn dak permissibli. Illi hawn ukol l-esponent qiegħed jikwota mis-sit eletroniku http://www.itsdf.org/pB56.asp ANSI B 56 fejn jingħad b' mod espliċitu hekk kif dedott hawn isfel:-

- *forbid the truck handling free swinging loads*
- *Every time the truck transports goods its fork arms must be in the lowest position*
- *If it is necessary to negotiate small slope the gradient shall be no more than 2 and the truck shall be unladen with the fork arms facing downgrade*[1].

Illi madanakollu mix-xhieda ta' Anthony Seisun ħareġ manifestament ċar li l-merkanzija ma kenitx ġiet marbuta. Illi dan jista juri illi l-ħaddiema ma kienux ħadu il-prekawzjonijiet meħtieġa ta' kif joperaw il-lifter bl-inqas periklu. Illi l-esponent għamel ukoll riċerki fil-proċedura ta' kif għandu jiġi operat *fork lifter*. Intant il-manual fuq il-*fork lifters* jgħid li persuna mhux biss għandha jkollha liċenzja iżda wkoll jirrikjedi illi jkollha taħriġ adekwat fejn tidħol l-operazzjoni tal-fork lifters. Illi mix-xhieda kemm tal-imgħallem u kemm tal-ħaddiema nvoluti ħareg manifestament ċar li Emanuel Vassallo qatt ma ta xi tip ta' tħarrig f' dan ix-xogħol lill-ħaddiema tiegħu. Illi hawn il-*manual* jgħid ukoll is-sussegwenti:

*(1) A person must not operate mobile equipment unless the person*

*(a) has received adequate instruction in the safe use of the equipment,*

[1] http://www.itsdf.org/pB56.asp ANSI B 56

*(b) has demonstrated to a qualified supervisor or instructor competency in operating the equipment,*

*(c) if operating equipment with air brakes, has a valid air brake certificate or a driver's license with an air brake endorsement, or evidence of successful completion of a course of instruction on air brake systems by an organization acceptable to the board,*

*(d) is familiar with the operating instructions for the equipment, and has been authorized to operate the equipment.*

*(2) Subsection (1)(a) and (c) does not apply if a trainee operates the equipment under the*

*supervision of a qualified instructor, or a supervisor.*

***Operator's responsibility***

*(2)The operator of mobile equipment must operate the equipment safely, maintain full control of the equipment, and comply with the laws governing the operation of the equipment.*

***Supervisor's responsibility***

*(3) A supervisor must not knowingly operate or permit a worker to operate mobile equipment which is, or could create, an undue hazard to the health or safety of any person, or is in violation of this Regulation.*

Illi għal dan ukoll il-leġislatur jgħid ukoll illi *minghajr pregudizzju ghar-regolament 14 tar-regolamenti ta' l-2003, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li*

*(a) dawk il-ħaddiema li jingħataw l-inkarigu li jużaw apparat tax-xogħol, jingħataw taħriġ adegwat inkluż taħriġ dwar kull riskju li dak l-użu jista' jkun jinvolvi,*

*(b) il-ħaddiema msemmija fil-paragrafu (b) tar-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti jirċievu taħriġ speċifiku adegwat*[2].

Illi operatur qatt m'għandu jgħabbi l-merkanzija fuq il-frieket ħżiena u jew li jistgħu jiċċaqalqu *poorly stacked or piled on the pallet or Load unstable or blocking vision*[3] għax dan jista jwaqqa l-merkanzija li jkollu fuq il-frieket. Illi meta l-operatur jkun qed iħaddem *fork lifter*, l-istess operatur irid ikun jaf fejn hu ċ-ċentru tal-gravita tal-istess *fork lifter:*

*The center of gravity, and therefore the stability, of the loaded truck is affected by a number of factors including size, weight, shape, and position of the load. Also, the height to which the load is elevated, the amount of forward or backward tilt, tire pressure, and the dynamic forces created when the truck is moving. These dynamic forces are caused by things like acceleration, braking, operating on uneven surfaces or on an incline, and turning. These factors must be considered when*

---

[2] Artikolu 9 ta' L.N 282.04

[3] http://www.civil.ubc.ca/home/safety/info/ForkliftOperation.pdf

*traveling with an unloaded truck, as well, because* ***an unloaded truck will tip over to the side easier than a loaded truck*** *with its load in the lowered position.* Illi l-operatur irid jieħu inkonsiderazzjoni dawn il-fatturi kollha u mhux jaqbad u jgħabbi b'negliġenza.

Illi mill-investigazzjoni ħareġ manifestament ċar illi ma hemm l-ebda kuntratt ta' impieg bejn Edward Borg u Emanuel Vassallo. Illi f' dan il-każ kien Edward Borg li kien il-klijent illi kellu jħares l-interess tiegħu u ta' madwaru. Intant il-leġislatur tagħna ta definizzjoni ta' x'hinu "ħaddiem" illi jfisser *kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġ ta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment*[4]. Illi l-leġislatur f' dan il-kuntest kompla ta tifsira ta' x'hini l-persuna li tħaddem u cjoe "min iħaddem" u jgħid illi *tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xog]ol jew jag]ti xi servizzi, u*

*(a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun*

[4] Kap 424.03 tal-Ligijiet ta' Malta

*provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;*

*(b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta' servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum[5].* Intant f' dawn iż-żewġ tifsiriet la Vassallo u lanqas Borg ma jaqgħu taħt din il-kappa tal-liġi u jista jingħad illi Borg u Vassallo ma kellhomx relazzjoni ta' ħaddiem u mgħallem.

Illi għaldaqstant sabiex l-Onorabbli Qorti tasal għall-konklużżjoni u għall-ġudizzju tagħha l-esponent wara li eżamina bir-reqqa x-xhieda li l-esponent ħa in konsiderazzjoni x-xhieda relatata u elenka r-rikostruzzjoni ta' allegatament sar l-allegat inċident, l-konklużżjoni segwaċi hija umilment mressqa għal-ġudizzju superjuri tal-Onorabbli Qorti.

Illi dan l'allegat inċident seħħ quddiem il-garaxx msejjaħ b' ittra "G" li jinsab ġewwa Triq E.B. Vella, Mosta. Illi dak in-nhar l-allegat vittma Edward Borg kien ordna żewġ trakkijiet mingħand Emanuel Vassallo sabiex iġibulu xi merkanzjia li ġab minn barra minn Malta u illi kienu fil-*bonded stores* ġewwa Ħal-Far. Illi l-merkanzija kellha tittieħed ġewwa l-istores ta' Borg illi huwa jikri ġewwa l-Mosta. Illi għal dan il-għan Vassallo qabbad żewġ impjegati minn tiegħu li jisimhom Anthony Seisun u Joseph Bonnici sabiex jagħmlu dan ix-xogħol.

[5] Kap 424.03 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi Seisum u Bonnici għamlu użu minn forklifter sabiex iħottu l-merkanzija. Illi meta kienu waslu fl-aħħar vjaġġ ix-xogħol li kien hemm fuq il-frieket tal-*fork lifter* waqa' u spiċċa fuq Edward Borg illi kien hemm dak il-ħin. Illi b' konsegwenza ta' dan Borg weġġa gravi u kien hemm ħinijiet fejn kien ċċertifikat illi kien fil-periklu tal-mewt.

Illi l-inċident seħħ fit-tmintax (18) ta' April 2011 iżda kellhom jgħaddu jumejn qabel ma l-kundizzjoni ta' Borg qalbet għal agħar u ġiet infurmatha l-Pulizija eżekutiva. Illi malli l-Pulizija saret taf b' dan l-inċident ġie infurmat l-Maġstrat tal-għassa illi għoġobha tordna inkjesta.

Illi minn din l-inkjesta ħareġ manifestament ċar li kien hemm traskuragni kbira minn naħa ta' Anthony Seisun u dan minħabba li meta hu kien tiela l-bankina bil-forklifter huwa naqas milli jagħmel xi tip ta' kavilja biex b' hekk l-istess *fork lifter* ma jitbandalax meta jkun tiela fuq il-bankina odjerna. Illi mill-evidenza rriżulta wkoll illi l-merkanzija ma kenitx mogħbija kif suppost u dan peress illi kieku x-xogħol kien mogħbi sew u marbut kif suppost dan ix-xogħol qatt ma kien jaqa'.

Illi ħareġ ukoll mill-evidenza miġbura illi l-ebda ħaddiem li għandu Emanuel Vassallo ma hu imħarreġ kif jopera il-*fork lifter* bil-mod illi titlob il-liġi. Illi għalkemm iż-żewġ ħaddiema nvoluti f'dan l-inċident għandhom liċenzja sabiex isuqu vetturi kbar, l-istess ħaddiema qatt ma ħadu ebda tip ta' taħriġ ta' kif għandu jiġi operat fork lifter. Illi ħareġ manifestament ċar li *fork lifter* dejjem għandu jinsaq fiċ-ċatt u qatt ma għandu jinsaq fit-tlajja. Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent illi dan l-inċident seħħ b' nuqqas ta' responsabilta u minħabba traskuragni kemm minn naħa ta' Anthony Seisun u kemm ta' Emanuel Vassallo. Illi Seisun

fil-kapaċita tiegħu bħala xufier kellu l-obbligu legali illi jara li ħadd ma jweġġa meta hu jkun qed iħott ix-xogħol u dan billi kellu jorbot ix-xogħol sew sabiex ma jaqax. Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent illi l-iskuża mogħtija mill-imgħallem Emanuel Vassallo illi l-ħaddiema tiegħu għandhom liċenzja tas-sewqan u li għandhom esperjenza fix-xogħol mhix ġustifikazzjoni biżżejjed skond il-liġi. Illi Vassallo naqas milli jipprovdi taħrig adekwat lill-ħaddiema tiegħu hekk kif stqarr fix-xhieda tiegħu stess.

Ili għaldaqstant f' dan l-incident jidher li hemm nuqqasijiet serji da parti kemm ta' Emanuel Vassallo u kemm tax-xufier tal-f*orklifter* Anthony Seisun illi t-tnejn naqqsu milli josservaw ir-regolarmenti tal-Health and Safety fil-leġislazzjoni prinċipali tal-Att dwar is-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol tal-Kap 424 u tal-Avvizi Legali 282/2004, u 424/05 mill-istess Att.

Illi barra minn dan jidher ukoll illi Anthony Seisun seta' wkoll kiser ir-regolament taħt l-artiklu 226 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ezaminat sew id-dinamika tal-incident, u taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mekkaniku Mario Buttigieg. Huwa car illi Seisun ma ha l-ebda prekawzjoni ghas-sahha u s-sigurta' tieghu u tan-nies ta' madwaru meta mmanuvra l-"lifter" bil-mod li ghamel. Anke l-fatt li kienu zewg "pallets" fuq xulxin u ma kienux marbuta b'cineg biex ma jaqa' xejn minn fuqhom, u anke l-fatt li ma saret jew tqieghdet ebda kavilja taht il-bankina biex il-"lifter" ma jeghlibx, kienu nuqqasijiet konsiderevoli min-naha tieghu. Inoltre,

il-fatt ukoll li Vassallo ma ta ebda tip ta' tahrig u naqas milli jiehu l-mizuri necessarji taht ir-Regolamenti tas-Sahha u Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol iwasslu biex il-Qorti ssib htija fihom it-tnejn hekk kif tharrku quddiemha.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, il-Qorti rat li, kif gia' inghad aktar qabel, kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar hlas ta' danni sofferti minn Borg, u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinkorpora xi direttiva jew ordni ta' hlas f'dan is-sens. Huwa tajjeb ferm li imputat jaghraf in-nuqqas tieghu, anke jekk dan ikun sforz ta' zball jew traskuragni, u jipprova jaghmel tajjeb ghall-hsara li jkun wettaq lil haddiehor. Il-gustizzja dejjem ghandha tfittex aktar mezzi ta' riparazzjoni tal-hsara li tkun saret, aktar milli tfittex piena bhala kastig punittiv li ma jservi ta' gid ghal hadd. Il-gustizzja retributtiva u punittiva ghad ghandha gheruq medjevali li llum ghandna nfittxu li ntejbu, ghall-ahjar gid tas-socjeta'. Madankollu, sa llum ghad ghandna ligijiet li jesigu pieni iebsa ghal min jaghmel reat, u l-pieni li jaqghu taht il-Kap 424 u l-legislazzjoni sussidjarja m'humiex nieqsa. Ghalhekk, tenut kont tal-hlas li sar lill-vittma f'dan il-kaz, u tenut kont ghalhekk li saret riparazzjoni in parti ghall-incident li sehh, il-Qorti sejra tillimita ruhha ghal piena ta' multa liz-zewg imputati, bl-assorbiment tal-piena ai termini tal-Artikolu 17(d) tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 226(1)(a), 10, 17, 31 u 533 tal- Kap 9 u 10 tar- Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali ghas- Sahha u s- Sigurta', AL 36/2003 taht Kap 424, Artikolu 6 tal- Att dwar l- Awtorita' ghas- Sahha u s- Sigurta' fuq il- Post tax- Xoghol tal- KAp 424, Regolamenti 8,9 dwar Apparat tax- Xoghol AL 282 tas-sena 2004 u l- Artikolu 7 tal- Att dwar l- Awtorita' ghas- Sahha u s- Sigurta' fuq il- Post tax- Xoghol tal- Kap 424 tal- Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputati Emanuel Vassallo u Anthony Seisun hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u ghaldaqstant tikkundannahom ghall-hlas ta' multa ta' elfejn Ewro (€2,000) kull wiehed.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------